MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2006

Numru. 12/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Paul Camilleri**
**V**

**EMANUEL XERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL XERRI** ta' tmienja w erbghin sena bin Lewis u Georgia nee Sillato, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar t-tnax ta' Dicembru 1957 u residenti 72, Flat 1A, Triq d-Duluri, Marsalforn, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 68657G gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn t-tletin ta' April u l-ewwel ta' Mejju 2006, f'Marsalforn, Ghawdex:

1. Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobbli u cioe kisser l-

hgieg tal-bieb ta' barra kif wkolll-hgieg tal-vetrina tal-hanut Glass Box, liema hanut huwa proprjeta ta' Mary Bezzina mir-Rabat, Ghawdex, liema hsara hija ta' aktar minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-istess Mary Bezzina;

2. Talli fit-tletin ta' April 2006, ghal habta tad-disgha w kwart ta' bil-lejl voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

3. Talli qal kliem indicenti w oxxen fil-pubbliku liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;

4. Talli ngurja w hedded verbalment lil Mary Bezzina, lil Kenneth Cutajar u lil Joseph Farrugia bil-hsieb li jdejjaqhom jew jaghmlilhom hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Mary Bezzina, Kenneth Cutajar u Joseph Farrugia tapplika l-provedimenti tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-okkorrenza li tinsab immarkata bhala dokument PS [fol 14], l-istqarrija tal-imputat markata bhala dokument PS 1 [fol 17] u l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' Mejju 2005 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja esibit a fol 8 tal-atti markat bhala dokument CSH 2.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 [fol 9].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv ghal dak li ser jinghad aktar tard f'din l-istess sentenza b'referenza ghal din l-akkuza fejn il-kwerelanti rrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Semghet lil Mary Bezzina tiddikjara fis-seduta tal-ewwel ta' Gunju 2006 li hija thallset ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghha u dan fl-ammont ta' elfejn u sitt mitt lira maltin, li llum il-gurnata m'ghandha ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat, li hafret lil imputat ghal dak li ghamel fil-konfront taghha u li qed tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli filwaqt li esibit ftehim li sar bejnha u bejn l-imputat f'dan r-rigward.

Semghet lil Kenneth Cutajar jiddikjara fis-seduta tal-ghoxrin ta' Lulju 2006 li qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat ukoll.

Rat l-okkorrenza esibita bhala dokument PS [fol 14] u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-ewwel ta' Mejju 2006 esibita wkoll fl-atti a fol 17 markata bhala dokument PS 1.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni odjerna.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 1 a fol 4 tal-atti minn fejn jirrizulta li mis-sena 1975 sas-sena 1997 ghandu xejn inqas minn tmien *convictions* registrati fuqha dwar reati ta griehi ta' natura hafifa, pussess ta' Cannabis, ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku, garr ta' passiggieri fuq dghajsa minghajr l-licenzja relattiva u ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u glied u theddid, fejn gie kkundannat multi u prigunerija effettiva.

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(a), 338(bb)(dd), 342 u 339(1)(d) **t**al-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat EMANUEL XERRI <u>hati tal-akkuza ta' hsara voluntarja u dawk kontra l-ordni pubbliku</u> u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah, minhabba x-xewqa tal-kwerelanti li l-proceduri odjerni jieqfu hawn, ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt [100] lira maltin.**

**Tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ngurja u theddid fil-konfront ta' Mary Bezzina, Kenneth Cutajar u Joseph Farrugia stante rinunzja da parti taghhom.**

**In oltre, il-Qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni wkoll tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provvediment tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kwerelanti ghar-ragunijiet fuq imsemmija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------